## Frenċ ta' l-Għarb - 2

# Qisu tabib li jfejjaq il-ġisem

jikteb Angelo Xuereb
fuq studju ta' Rev. Joseph Bezzina u P. Alexander Bonnici OFM. Conv.



*Riċetta miktuba minn Frenċ għall-kura bil-buqoxrom u n-niġem*

Bosta rrikorrew għand Frenċ tal-Għarb biex jfejjaqhom minn xi marda. Iżda huwa kien jieħu l-okkażjoni u jżerżaq xi tagħlima jew parir spiritwali.

Sakemm kellu madwar 45 sena, Frenc ma kien imfittex minn ħadd biex jagħti xi mediċina ta' fejqan. Hu nnifsu qal "Jiena bdejt infejjaq lil xi ħadd għall-ħabta tas-snin 1936 u 1937. Infatti f'sunett li kiteb Amante Buontempo f'għieħ Frenc f'jum il-mewt tiegħu, naqraw dawn il-kelmiet: "Fejjaq il-mard bil-ħxejjex ta' xi ġonna" Infatti kien hemm min xerridha li Frenċ tgħallem iħallat il-ħxejjex f'xi pajjiżi Għarab. Iżda dan ma huwiex minnu għaliex Frenc qatt ma siefer. Huwa nnifsu stqarr li ħadd ma għallmu iżda wkoll żied igħid "Il-Madonna qatt ma tħallini niżbalja!"

Infatti huwa kien jgħalli l-ħxejjex. Għall kull flixkun ilma li jkun ta huwa kien jkun għalla tlieta jiġifieri kien jpoġġi fuq in-nar id-daqs ta' tlett flixkien ilma u żewġ terzi minnhom kienu jevaporaw.

Għal dawk li kienu jirrikorru għandu huwa kien jordna l-boqoxrom, in-niġem, xuxa tal-qamħ ir-rum, lariġ, denb iż-żiemel u xorb kannella. Insemmu każ wieħed. Darba ġuvni kellu s-siment fl-istonku ikkaġunat mix-xogħol li kien jagħmel. Bħala rimedju ta' fejqan Frenċ ordnalu biex jgħalli u jixrob il-ħaxixa denb iż-żiemel wara li jkun għalliha. Infatti dak ir-raġel ma damx ma fieq għax keċċa s-siment mal-ippurgar.

Darba kien hemm wieħed li kien se jagħmel l-operazzjoni tal-ġebla. Frenċ qallu biex ma jagħmilha xejn u ssokta jgħidlu: "Mur fil-ġnien ta' l-isptar ta' Santa Tereża u oqgħod dur. Imbagħad, tarak is-soru u tistaqsik bil-herra. Inti tibżax. Għidilha li bgħattek jien u trid basla tal-ġilju, u dik tagħtik jew tibagħtek għand xi ħadd. Wara, ħudha, għalliha sakemm issir sewwa, u għaffiġha ġo plattina. Ħallatha man-nuħħala tat-tiġieġ, u kif tkun sħuna, agħmilha fuq faxxa u orbotha fejn int muġugħ, u sa filgħodu jgħaddilek", kif fil-fatt ġara!

Huwa kkura wkoll permezz tat-tuffieħ, tursin u klin. Infatti Mariġwann Galea kitbet: "Għall-griżmejn, Frenċ kien jordna wkoll tuffieħ mgħolli biz-zokkor u l-imsiemer tal-qronfol. Dan kien jittiekel u jinxtorob l-ilma tiegħu."

Jekk naqraw il-ħajjiet ta' Frenċ naraw li huwa kellu diversi metodi kif ifejjaq, kif rajna, permezz tal-ħxejjex. Huwa infatti kien għamel wkoll xi ingwent li bih kien ifejjaq.

Ma nkunux għedna kollox jekk flimkien ma' dawn il-mezzi, ma ngħidux ukoll li huwa kien ipoġġi t-tama tiegħu f'Alla u l-Madonna ta' Pinu.